MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 1808/2002

**Citadel Insurance Plc kif surrogata fil-jeddijiet ta' Francis Azzopardi u l-istess Francis Azzopardi**

**Vs**

**Carmen Briffa**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz fejn is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm1,322.85c (elf, tlett mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu) rappresentanti danni sofferti wara incident tat-traffiku li gara fl-24 ta' Gunju 2000 kif spjegat fl-istess Avviz.

Ra r-Risposta li fiha l-konvenuta qalet li ma kienetx responsabbli ghall- incident in kwistjoni.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra li l-attur qal li dak in-nhar kien qed isuq fid-direzzjoni tal-Belt. Max-xellug tieghu kien hemm ix-Showroom tal-Peugeot. Il-konvenuta harget minn fejn il-pompa tal-petrol u saret il-habta. Il-konvenuta harget ghan-nofs tat-triq.

Il-konvenuta qalet li hi kienet fuq quddiem u l-karozza tal-attur kienet fuq wara. Hi harget mill-petrol station. Meta harget harset lejn il-lemin taghha. Hi ma ratx karozzi fuq il-lemin taghha. Qabel il-habta mxiet tul tal-Awla tal-Qorti fil-main road.

Qabel ma bdiet isuq il-konvenuta kellha d-dover li tieqaf u tassikura ruhha li l-manuvra taghha tista taghmila minghajr ebda xkiel ghal dawk li qieghdin fit-triq principali. Il-konvenuta qalet li ma rat ebda karozza. Hemmhekk il-vizwali hi twila u ghalhekk ifisser li l-konvenuta ma kienitx qieghda zzomm ‘a proper look out’. L-incident gara ghaliex il-konvenuta harget minghajr ma tara dak li kien hemm. (ara Mallia Vs Azzopardi PA. 592/88 Deciza 27/2/1990). Illi l-fatt li l-konvenuta kellha hsara fir-right rear door turi li l-konvenuta kienet ghadha angolata tipprova tidhol fil-main road meta gara l-habta. Ghaldaqstant il-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident.

Id-danni ma gewx kontestati, gew esebiti l-ircevuti.

Ghaldaqstant jilqa’ t-talba tal-atturi bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali datata 12 ta’ Dicembru 2000 kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------